# L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent









min aħna | x'nagħmlu | kif nagħmluh

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

## Missjoni u għanijiet

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli billi tgħin biex jinkiseb titjib sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-ambjent tal-Ewropa, permezz tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni mmirata, rilevanti u affidabbli lill-aġenti li jfasslu l-politika u lill-pubbliku.

L-għanijiet ewlenin tagħna huma li nkunu s-sors ewlieni ta' għarfien dwar l-ambjent fil-livell Ewropew, li jkollna rwol minn ta' quddiem fl-appoġġ ta' tranżizzjoni fit-tul lejn soċjetà sostenibbli, u li nkunu organizzazzjoni minn ta' quddiem fil-kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet ambjentali.

## Membri

Is-sħubija tal-EEA hija magħmula mill-Istati Membri tal-UE. Is-sħubija hija miftuħa wkoll għal pajjiżi oħra li jkkondividu t-tħassib tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri rigward l-objettivi tal-Aġenzija. Fil-preżent it-33 membru huma t-28 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija. L-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, l-ex Repubblika Jugoslava tal Maċedonja, il Montenegro u s-Serbja applikaw b'mod konġunt għas-sħubija u diġà ilhom jikkoperaw mal-EEA għal diversi snin. L-EEA qiegħda tikkoopera wkoll mal-Kosovo*, waqt li l-Groenlandja għandha l-istatus ta' osservatur f'għadd ta' proċessi.

## Klijenti u gruppi fil-mira tal-EEA

Il-partijiet interessati ewlenin tal-EEA huma l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – li jindirizzaw b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-presidenzi li dejjem jinbidlu tal-UE — u tal-pajjiżi membri tal-EEA.

Minbarra dan il-grupp ewlieni ta' atturi tal-politika nazzjonali u Ewropea, l-EEA taħdem ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Aħna ninvolvu ruħna wkoll ma' gruppi ta' interessi usa' fi ħdan l-isfera tal-politika, bħal organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs), komunitajiet xjentifiċi u akkademiċi, organizzazzjonijiet tan-negozju, konsulenzi u gruppi ta' riflessjoni.

Anke l-pubbliku jitqies bħala udjenza importanti mill-EEA. Dan huwa konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u l-isforzi tal-EEA biex tappoġġja l-implimentazzjoni ta' politika u tikseb ftehim usa' ta' kwistjonijiet ambjentali u ta' tibdil fil-klima. Il-politika hija bbażata fuq dibattitu soċjetali usa', u l-aċċettazzjoni tal-policies ambjentali tistrieħ fuq kunsens pubbliku wiesa'.

L-EEA timmira li tikseb djalogu reċiproku mal-klijenti u mal-gruppi fil-mira tagħha sabiex tkun tista' tidentifika l-ħtiġijiet tal-informazzjoni tagħhom b'mod korrett, filwaqt li tassigura li dawn ikunu jistgħu jifhmu u jużaw l-informazzjoni pprovduta mill EEA.



## Produzzjonijiet tal-EEA

L-EEA tipprovdi valutazzjonijiet u informazzjoni fil-forma ta' rapporti, sessjonijiet ta' informazzjoni qosra u artikli, materjal għall-istampa u firxa ta' prodotti u servizzi fuq l-internet. Il-materjal ikopri l-istat tal-ambjent, ix-xejriet u l-pressjonijiet attwali, l-ixprunaturi ekonomiċi u soċjali, l-effettività tal-politika, u l-identifikazzjoni tax xejriet, il-prospetti u l-problemi tal-ġejjieni, bl-użu ta' xenarji u metodi ta' teknika oħra.

Uħud mir-rapporti mmirati lejn udjenza usa', is-sommarji tar-rapporti maġġuri u d-diversi artikli u stqarrijiet għall istampa jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi membri tal-EEA.

## Is-sit elettroniku tal-EEA

eea.europa.eu hija waħda mill aktar servizzi ta' informazzjoni ambjentali pubbliċi komprensivi fuq l-internet u l-aktar lok ta' informazzjoni attiv tal-EEA. L-EEA taħdem biex tittrasferixxi dejjem aktar pubblikazzjonijiet tagħha mill-karta għas-sit elettroniku sabiex tadatta għall-preferenzi ta' għadd ta' utenti li dejjem qed jiżdied, biex ittejjeb il-puntwalità u l-kosteffiċjenza – u biex tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha stess.

It testi sħaħ tar-rapporti, is sommarji u l-artikli kollha, il-illustrazzjonijiet interattivi u l-applikazzjonijiet abbażi ta' mappa, kif ukoll il-gruppi ta' data u l-informazzjoni ta' sfond li jsostnu r-rapporti jinsabu fuq is-sit elottroniku. Il-kontenut tal-midja soċjali u multimidja jintuża b'mod attiv biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u jilħaq udjenza usa' .

Fuq il-Forum tas-sit elettroniku tal-EEA nagħtu tweġibiet individwali għal talbiet esterni għal informazzjoni. Il-pubbliku jista' jressaq ukoll il-mistoqsijiet tiegħu permezz ta' telefonata jew permezz ta' żjara personali.

## Netwerking

L-isforzi magħmula mill-membri tal-istaff tal-EEA biex jikkomunikaw il-fatti u s-sejbiet tagħna b'mod dirett, jinvolvu ruħhom b'mod kontinwu mal-Eionet u partijiet interessati oħra, jitkellmu ma' kuntatti, jipparteċipaw f'laqgħat ta' esperti, jindirizzaw seminars u konferenzi, eċċ. huma ta' importanza kruċjali għall-ilħuq tal-objettivi tagħna. Minkejja l-produzzjoni tagħna ta' materjal stampat u ż-żieda kontinwa fil-volum tal-komunikazzjoni tagħna bbażata fuq l-Internet, xorta waħda ma jeżisti xejn li jista' jissostitwixxi l-kwalitajiet ta' skambju wiċċ imb'wiċċ bejn il-fornituri ta' informazzjoni u l-utenti.

## L-ordnijiet ta' prodotti tal-EEA

Tista' tirreġistra għas-servizz ta' sottoskrizzjoni tagħna sabiex tirċievi l-bullettin tagħna, tirċievi informazzjoni fuq  pubblikazzjonijiet ġodda u l-kopji elettroniċi jew stampati tar-rapporti u materjal ieħor mingħajr ħlas fuq bażi regolari.

Tista' ssegwina wkoll fuq Facebook u Twitter, jew tabbona ruħek mal-RSS feeds tal-EEA.

Il-kopji stampati tal pubblikazzjonijiet għall-bejgħ tal-EEA jistgħu jiġu ordnati, il-parti l-kbira minnhom mingħajr ħlas, minn fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-EEA (http://bookshop.europa.eu). Bħala parti mit-tranżizzjoni mill-pubblikazzjoni fuq karta għal pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku, uħud mill-kategoriji ta' prodotti huma disponibbli biss f'format elettroniku. Jekk jogħġbok ikkonsulta s-sezzjoni "Pubblikazzjonijiet" fuq is-sit elettroniku tagħna għal ħarsa ġenerali aġġornata lejn il-pubblikazzjonijiet disponibbli.

## Organizzazzjoni

Il-Komunità Ewropea addottat regolament li jistabbilixxi l-EEA u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) tagħha fl-1990, u l-EEA bdiet il-ħidma tagħha qatigħ fl-1994.

L-istaff tal-EEA, li ġej mit-33 pajjiż membru tal organizzazzjoni, huwa primarjament ibbażat fil-kwartieri ġenerali tal-organizzazzjoni f'Copenhagen. Il-membri tal istaff jinkludu esperti fl-oqsma tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, l-immaniġġjar tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Huma jaħdmu flimkien biex jiġbru, janalizzaw u jinterpretaw l-informazzjoni mill-pajjiżi membri u jqassmuha lill-partijiet interessati u liċ-ċittadini fi ħdan is-sistema tal-UE u lil hinn minnha.

Sabiex tappoġġja l-ġbir, l-immaniġġjar u l-analiżi tad-data, l-EEA stabbilixxiet u qiegħda tmexxi ċ-ċentri tematiċi Ewropej (ETCs) li jkopru l-oqsma operattivi u ambjentali maġġuri tal-programm ta' ħidma tal-EEA.  Iċ-ċentri tematiċi huma netwerks, li jinkludu madwar disgħin istituzzjoni speċjalizzata mifruxin madwar il-pajjiżi membri tal-EEA.

*L-EEA trid tikkontribwixxi għall-ambizzjoni tal-Ewropa li tagħmel it-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għall-ekosistema sal-2050. Il-problemi ambjentali li ilhom jeżistu huma interkonnessi, u fil-qalba ta' dawn il-problemi hemm is-sistemi soċjo-ekonomiċi li jipprovduna bir-rekwiżiti ta' soċjetà moderna bħall-ikel, l-enerġija u t-trasport. Se jkunu meħtieġa spustamenti fundamentali f'dawn is-sistemi soċjali ewlenin jekk se nsegwu trajjettorja kredibbli lejn il-mira tal-2050.*

Dr. Hans Bruyninckx
Direttur Eżekuttiv

## Governanza

Il-Bord ta' Tmexxija tal-EEA jikkonsisti minn rappreżentant wieħed ta' kull wieħed mit-33 pajjiż membru, minn żewġ rappreżentanti mid-DĠ Ambjent u d-DĠ Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea u minn żewġ esperti xjentifiċi maħturin mill Parlament Ewropew. Fost il-kompiti tiegħu, il-Bord ta' Tmexxija jadotta l-programmi ta' ħidma tal-EEA, jaħtar id Direttur Eżekuttiv u jinnomina l-membri tal-Kumitat Xjentifiku.

Il-Kumitat Xjentifiku tal-EEA huwa magħmul minn massimu ta' 20 xjenzjat li jkopru firxa ta' temi ambjentali. Il-Kumitat huwa l-bord konsultattiv rigward kwistjonijiet xjentifiċi għall-Bord ta' Tmexxija u għad Direttur Eżekuttiv. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku jagħmilha ta' osservatur fil-Bord ta' Tmexxija.

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għall-Bord ta' Tmexxija għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma u għat-tmexxija ta' kuljum tal-EEA.

L-EEA torganizza l-attivitajiet tagħha fi programmi ta' ħidma ta' kull sena, fil qafas ta' Programm ta' Ħidma Multiannwali (MAWP) fuq ħames snin. L-MAWP attwali jkopri l-perjodu 2014-2018 u huwa strutturat madwar erba' oqsma ewlenin:

- l-għoti ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika, li jimplika informazzjoni u kontribut lill-oqfsa, l-objettivi u l-miri ta' politika tal-UE permezz ta' rappurtar kontinwu dwar il-progress f'temi ambjentali ewlenin;
- il-valutazzjoni tal-isfidi sistemiċi, bl-għoti ta' valutazzjonijiet li jadottaw perspettiva makro, minn settur għall-ieħor u fit-tul, u b'hekk jappoġġjaw il-viżjonijiet fit-tul fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE;
- il-ko-kreazzjoni, il-kondiviżjoni u l-użu ta' għarfien, li jfisser il-bini u ż-żamma tan-networks ta' persuni u s-sistemi tal-informazzjoni li jiffurmaw is-sinsla u s-sine qua non tar-rappurtar tagħna;
- il-ġestjoni tal-EEA, fejn l-għan huwa li jiġu osservati r-regoli u r-regolamenti kollha li japplikaw għall-Aġenzija waqt li jittejbu b'mod kontinwu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-organizzazzjoni



*Kif inhu rifless fil-Programm ta' Ħidma Multiannwali adottat mill-Bord ta' Tmexxija, l-ambizzjoni tal-EEA hija li tibqa' attur minn ta' quddiem fl-għoti tal-informazzjoni ewlenija meħtieġa biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-politika ambjentali. L-EEA tixtieq ukoll tinvolvi ruħha fil-ħolqien ta' intuwizzjonijet u għarfien ġodda li jkunu meħtieġa biex jiġu mifhuma u appoġġjati t-tranżizzjonijiet aktar fundamentali lejn sostenibbiltà fit-tul għas-soċjetajiet tagħna.*

Elisabeth Freytag-Rigler
President- Bord ta' Tmexxija tal-EEA

## L-Eionet u l-imsieħba l-oħra tal-EEA

L-informazzjoni pprovduta mill-EEA tiġi minn firxa wiesgħa ta' sorsi. Ġie stabbilit netwerk ta' korpi ambjentali nazzjonali bil-għan li jaħdem mal-EEA — Eionet – li jinvolvi aktar minn 300 istituzzjoni madwar l-Ewropa. L-EEA hija responsabbli għall-iżvilupp tan-network u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Sabiex nagħmlu dan, aħna naħdmu mill-qrib ma' Punti Fokali Nazzjonali (kif jidher fil-figura ta' hawn taħt) – normalment aġenziji ambjentali nazzjonali jew ministeri tal-ambjent fil-pajjiżi membri. Dawn huma responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' Elionet fil-livell nazzjonali.

Fost kompiti oħrajn, il-NFPs jiżviluppaw u jieħdu ħsieb in-netwerk nazzjonali, jidentifikaw is-sorsi ta' informazzjoni nazzjonali, jaqbdu u jindirizzaw id-data u l-informazzjoni mill-monitoraġġ u minn attivitajiet oħrajn, jgħinu lill-EEA tanalizza l-informazzjoni miġbura u jassistu fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni tal-EEA lill-utenti finali fil-pajjiżi membri.

Imsieħba u sorsi ta' informazzjoni importanti oħrajn għall-EEA huma organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali, bħall Uffiċċju tal-Istatistika (Eurostat) u ċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea, l-Organizzazzjoni għall Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). L-EEA tikkoopera mill-qrib ma' dawn l-organizzazzjonijiet fil produzzjoni ta' informazzjoni u valutazzjonijiet għall-klijenti u l-gruppi fil-mira tagħha. L-EEA tieħu parti wkoll u taġixxi bħala s-segretarjat għan-netwerk informali tal-Aġenziji għall-Protezzjoni tal-Ambjent fl-Ewropa.

### Netwerk Ewropew ta' informazzjoni u għall-osservazzjoni tal-ambjent (Eionet)



*L-EEA topera f'ambjent ta' governanza kumplessa, fuq ħafna livelli u b'ħafna atturi fil-livelli tal-UE, nazzjonali, u globali. Dan l-ambjent jinkludi wkoll l-istituti ta' riċerka, in-negozji, u l-NGOs. Ir-rwol speċifiku tal-EEA huwa li tappoġġja t-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE, u li tibni l-kapaċità fil-pajjiżi membri, bl-użu tal-Eionet bħala l-imsieħeb uniku tagħha biex tiġġenera flussi fiż-żewġ naħat ta' data u informazzjoni ambjentali b'garanzija ta' kwalità.*

Il-Programm ta' Ħidma Multiannwali 2014-2018 tal-EEA

TH-01-15-053-MT-N
doi:10.2800/673
© EEA, 2015






**Informazzjoni ta' kuntatt:**
Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Danimarka
Tel: +45 33 36 71 00

**Stampi:** © Joseph Galea, Susanne Kuijpers, Ana Skobe, Simeon Lazarov, Victor Troyanov, Stephen Mynhardt, Mariusz Warsinski, EEA
**Żur is-sit elettroniku tagħna:** eea.europa.eu
**Irċievu l-prodotti tagħna:** eea-subscriptions.eu/subscribe
**Iksbu tweġiba għall-mistoqsijiet tagħkom:** community.eea.europa.eu
**Segwuna fuq Facebook:** facebook.com/European.Environment.Agency
**Segwuna fuq Twitter:** twitter.com/EUEnvironment

Publications Office

ISBN: 978-92-9213-628-4

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent